MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1552/2001/1

**Panorama Company Ltd**

**vs**

**Enemalta Corporation**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 20 ta' Settembru 2001 fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` attrici ghandha nstallat fil-fond bl-isem "Panorama Hotel" sitwata l-Mellieha, is-servizz tad-dawl u ilma, liema servizz gie nstallat mill-korporazzjoni Enemalta.

Illi nhar il-25 ta' Awwissu, 2001 saret spezzjoni mill-impjegati tal-korporazzjoni Enemalta u rrizulta li kien hemm xi hsarat fl-apparat tad-dawl.

Illi konsegwenza ta' dan il-Korporazzjoni Enemalta arbitrarjament esigiet illi s-socjeta` attrici thallas fi zmien jumejn is-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500), liema somma ntalbet bhala depozitu sabiex taghmel tajjeb ghal kwalsiasi telf u spejjez li kienet sejra tinkorri, u fl-eventwalita' ta' nuqqas ta' hlas fi zmien jumejn, l-istess korporazzjoni heddet li kienet sejra tissospendi l-provvista tal-elettriku.

Illi *in vista* ta' dan l-agir is-socjeta` attrici talbet fit-28 ta' Awwissu, 2001 il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-korporazzjoni Enemalta.

Illi b'digriet tat-12 ta' Settembru, 2001 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba u ordnat il-hrug tal-opportun mandat ta' inibizzjoni, liema mandat ta' inibizzjoni igib in-numru 2478/01

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tikkonferma definittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2478/01 fl-ismijiet Panorama Co. Ltd. vs. Enemalta Corporation.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tac-cedola pprezentata fit-28 ta' Awwissu 2001 fl-ismijiet Panorama Co. Ltd. vs. Enemalta Corporation kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-8 ta' Jannar 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenut datata 3 ta' Dicembru 2001 (fol 10) fejn esponiet: -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-Korporazzjoni konvenuta hija kredittrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tnax-il-elf sitt mija u tmintax-il-lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm12,618.29),

liema somma tirrapprezenta d-differenza dovuta lill-Korporazzjoni esponenti fuq il-kontijiet passati ta' konsum mhux registrat kif irrizulta wara investigazzjonijiet illi saru fil-Panorama Hotel.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2003 fejn Dr. David Camilleri talab lill-Qorti illi l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 2478/01 jigu mehmuzin mal-atti ta' din il-kawza. U l-Qorti ordnat li l-atti tal-imsemmi Mandat jigu mehmuza mal-atti ta' din il-kawza, u ordnat lill-kumpanija attrici sabiex b'nota fl-atti ta' din il-kawza mressqa sa mhux aktar mid-9 ta' Jannar 2004 u bil-*visto* tal-Avukat tal-Korporazzjoni konvenuta tiddikjara liema kontro-ezamijiet hija trid li jsiru. Fin-nuqqas tal-imsemmija nota l-Qorti kif diversament presjeduta ddikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata 13 ta' Mejju 2004 a fol 87 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-Korporazzjoni Konvenuta datata 24 ta' Gunju 2004 a fol 92 tal-process.

Rat in-nota tas-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil-din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ghamlet referenza ghall-verbal taghha kif diversament ippresjeduta tat-2 ta' Dicembru 2003 (esebit a fol 79) u osservat li l-atti tal- Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 2478/01 fl-ismijiet "Panorama Co. Ltd. vs Enemalta Corporation" ma jinsabux fil-process u li huma methiega biex il-process ikun integru. Ghaldaqstant issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u dderigiet il-kawza sabiex jigu allegati l-atti tal-Mandat imsemmi ghall-14 ta' Frar 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET FATTWALI

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma, fil-qosor is-segwenti:

Fil-25 ta' Awwissu 2001 saret spezzjoni mill-inkarigati tal-Enemalta Corporation fil-Panorama Hotel, fi Triq Dun Belin Azzopardi, l-Mellieha. Din l-ispezzjoni giet effettwata mit-teknici tal-Korporazzjoni fil-presenza tal-manager tal-Hotel. It-teknici ikkonstataw li l-meter tad-dawl gie manumess billi "*instab li z-zewg viti li suppost jissikkaw il-blue phase voltage wire kienu jidhru mahlulin iktar mill-viti l-ohrajn. Meta ccekkjajna bin-neon tester, it-tlett voltages, red, yellow u blue, dan ta' l-ahhar instab li ma kellux voltage ta' elettriku fuqu. Ghalhekk b'din is-sitwazzjoni il-meter kien qed jirregistra madwar 33% inqas tal-konsum."*[1]Jigi osservat li l-*face cover* tal-meter gie miftuh fil-presenza tal-Ispettur Pio Pisani. Dan ix-xhud issokta "*imbaghad gew ccekkjati il-voltages fuq ir-red u l-yellow fejn dawn gew mahlula u ccekkjati fil-presenza ta' l-Ispettur u Charles Vella u dawn instabu bil-copper wire imqaxxar kif suppost kellha tkun. Il-meter gie mibdul b'iehor gdid."* Din ix-xhieda tikkonferma ir-rapport li sar mill-istess tekniku esibit a fol 12 tal-process tas-27 ta' Awwissu 2001.

Sar rapport lill-Pulizija l-Ispettur Pio Pisani, li xehed f'din il-kawza, ikkorrobora il-verzjoni tat-tekniku tal-Korporazzjoni konvenuta."*Infetah il-meter u minghalija, Sur Imhallef, m'inhix tekniku, kien hemm xi wiring li ma kienx qieghed imqabbad sewwa . Dan il-meter kellu in-numru 68697329 u kellu l-ahhar qari 702400.*[2]" Hu kkonferma li r-ritratti esebiti mit-tekniku tal-Enemalta a fol.46 sa 49 tal-process ittiehdu fil-presenza tieghu u esebixxa kopja tal-okkorrenza u r-rapport tal-ezami fuq il-post, (**DOK. PP1**).[3]

---

[1] Xhieda registrata ta' Mario Cassar a fol. 56 tal process.
[2] Xhieda tal-Ispettur Pio Pisani a fol. 76 tal-process.
[3] Xhieda a fol. 77 tal-process.

Irrizulta mix-xhieda ta' Tarcisio Mifsud, Finance Manager tal-Korporazzjoni konvenuta, li l-meter in kwistjoni kien gie installat fit-3 ta' April 1997[4].

Mill-assjem tal-provi prodotti, din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju li l-meter, mertu ta' din il-kawza, kienet manumessa jew "*tampered with."* Dan johrog car mir-rapport dettaljat tal-*meter reader* , Mario Cassar, miktub *a tempo vergine*, l-ispejgazzjoni tieghu *viva voce* u ikkorroborat minn dak li xehed l-Ispettur Pio Pisani, xhud indipendenti fil-kaz u membru tal-Pulizija Ezekuttiva, kif ukoll mix-xhieda ta' l-Inginier JohnTonna.[5] Minn dan jirrizulta li terz mill-konsum tal-provvista tad-dawl tal-Hotel ma kienx qed jigi registrat u b'hekk il-kontijiet ma kienux qed jirriflettu il-konsum reali tal-Hotel. Is-sejbiet tat-teknici huma korroborati ukoll mir-ritratti esebiti u mill-kopja tal-okkorrenza esebit mill-Ispettur Pisani.

Lanqas m'hu kontradett dan il-fatt mill-attur nomine li jillimita ruhu ghall-ilment dwar l-agir tal-korporazzjoni in segwitu ghal din is-sejba li talbitu ihallas depositu u, fin-nuqqas, wissietu li ser tissospendi l-provvista tad-dawl.

Dwar dan, Tarcisio Mifsud spjega fid-dettall li l-awtorita` u d-diskrezzjoni tac-Chairman tal-Enemalta tohrog mid-disposizzjonijiet tal-*Electricity Supply Regulations*, partikolarment ir-regolamenti 8 u 9 tal-istess, kif ser jinghad ukoll iktar 'il quddiem. Hu xehed "*Mill-kostatazzjoni li kien ghamel Mario Cassar, ahna allura stajna nohorgu indikazzjoni ta' kemm elettriku ma kienx gie registrat u mill-kalkoli illi saru mill-korporazzjoni irrizulta illi dan l-ammont ta' l-elettriku kien jammonta ghal tnax-il-elf, sitt mija u tmintax-il-lira u disgha u ghoxrin centezimu (LM12,618.29).*[6] Is-socjeta` attrici nghatat jumejn zmien biex twettaq id-depozitu mitlub u meta dan baqa' ma sarx, il-korporazzjoni Enemalta kienet wissiet il-kumpanija attrici li l-provvista tad-dawl ghall-impjant taghha kienet ser tigi maqtugha.

---

[4] Xhieda ta' Tarcisio Mifsud ghan-nom tal-Enemalta a fol. 81 tal-process.

[5] Fol. 72 tal-process.

[6] Fol. 64 tal-process.

Skont dan ix-xhud "*it-talba ghall-hlas ta' l-elfejn u hames mitt lira kienet saret bis-sahha ta' dak li jipprovdu ir-regolamenti tmienja u disgha tal-Electricity Supply Regulations ...ic-cifra tigi determinata bid-diskrezzjoni tac-Chairman, mhux f'kull post ikun l-istess, jiddependi min-natura tal-post li jkun. Ir-rata ta' LM2500 li ntalbet thallas il-kumpanija attrici hija rata applikabbli ghall-postijiet kummercjali ta' certu daqs.*"[7] Hu kompla spjega li hemm tlett faxex ta' rati li jistghu jintalbu taht dawn ir-regolamenti, li japplikaw ghall-djar jew postijiet meqjusa domestici, stabbilimenti kummercjali mhux ta' kobor kbir u stabbilimenti ta' certu kobor bhal ma kienet il-lukanda in kwistjoni.

**Ikkonsidrat** li l-lanjanza tas-socjeta` attrici tikkonsisti filli l-Enemalta talbuha thallas depositu ta' LM2500 u, fin-nuqqas, wissewha li ser jaqtghu il-provvista tad-dawl. In kawtela tal-posizzjoni taghha, l-istess socjeta` attrici talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, mertu ta' din il-kawza u qed titlob lil-din il-Qorti sabiex tikkonferma definittivament l-effetti ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni numru 2478/01 fl-ismijiet *Panorama Co. Ltd. vs. Enemalta Corporation.*

Din hija l-unika talba tas-socjeta` attrici.

Dwar talba ta` din ix-xorta, kien deciz hekk fil-kawza "***Carmela sive Lina Aquilina vs Francis X. Aquilina noe.et.***" (Qorti tal-Appell - 27 ta' Novembru 1991):

"*Kull mandat kawtelatorju, min-natura tieghu stess, ghandu validita' u hajja sakemm u biex il-kreditur ikollu l-opportunita li jikkonkretizza il-kreditu tieghu b'titolu ezekuttiv - li (ukoll isem mieghu) jippermettilu jesegwixxi l-kreditu u b'hekk ma jkollux bzonn aktar ta' kawtela.*" Dik il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li "*Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita' ta' mandat kawtelatorju permanenti- kif timplika il-pretensjoni attrici.*"

[7] Fol. 82 tal-process.

Kien ghalhekk li saret distinzjoni bejn "*id-dritt ta' kawtela - cioe' id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed, kif qed tghid l-attrici.- Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m'huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat".*

Il-Qorti ghamlet riferenza ghall-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li timponi terminu perentorju *"ghal jedd imsemmi fil-mandat "*[8] u "*Jekk ir-rikorrent jonqos milli jaghmel il-kawza minghajr raguni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa ikun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha."*[9]

Tajjeb irriteniet dik l-Onorabbli Qorti li ic-citazzjoni ma tissoddisfax il-vot ta' dan l-artikolu jekk ma ssirx kawza biex tirrealizza id-drittijiet hemm kawtelati imma sempliciment issir talba biss ghall-konferma tal-mandat.

Fil-kawza "**Sullivan vs Stivala et**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta` Marzu 1992, kienet saret talba semplicement sabiex jigi kkonfermat il-mandat kawtelatorju. Hemm il-Qorti qalet li ma hemm l-ebda fondament legali sabiex tintalab tali konferma *stante* li *"il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b'citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma rikonferma ta' digriet gja' moghti fil-kaz tal-mandat jew mandati."*

Kull meta saru talbiet sabiex jigi kkonfermat in perpetwu mandat ta' inibizzjoni "**sic et simpliciter**" il-linja traccjata mill-Qrati taghna kienet dik ta` cahda ghar-raguni li filwaqt li l-mandat johrog ghaliex ikun jirrizulta dritt "prima facie" fil-kawza tkun trid issir talba ghall-pronunzjament gudizzjarju dwar il-mertu tad-dritt innifsu. ("**Giordmaina vs Giordmaina**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili (GV) – 7 ta` Novembru 1995; "**Axisa vs Patiniott**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili (M) – 21 ta' Marzu 1996; u "**Cuschieri vs**

---

[8] Art. 843(1) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
[9] Art. 843(2) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Grech noe"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili (GV) – 9 ta` Jannar 1997).

Fil-kawza "**Cassar vs Mallia**" (Prim`Awla tal-Qorti Civili (JF) – 22 ta` Mejju 1995) inghad hekk – *"Li kieku l-attur strah u llimita ruhu ghall-ewwel talba biss (konferma b' mod definittiv tal-Mandat ta' Inibizzjoni), allura il-konvenut kien ikollu ragun li jeccepixxi n-nullita` tal-azzjoni attrici. F'dan is-sens ukoll inghataw is-sentenzi citati mill-konvenut bhal* ***"****Sullivan vs Stivala et* ***"*** *(13 ta'Marzu 1992 P.A.) u* ***"****Galea vs Gauci* ***"*** *(4 t'Ottubru 1993).*

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta bl-ismijiet **ZEturf Limited (C 35469) -v- Dr. Brigitte Zammit u Dr. Franco B. Vassallo t-tnejn bhala mandatarji ta' GIE Pari Mutuel Urbain** (PMU) (PAFS fit-8 ta' Novembru 2010) gie ritenut li "*il-Qorti ma taghmilx dikjarazzjonijiet akkademici izda biss kif inghad* ***f'Edrichton Estates Limited vs Munro Philipps & Co Limited****, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Ottubru 2003 li talbiet dikjaratorji jistghu jsiru biss mill-Qorti jekk "dawn ikunu pre-ordinati ghal domanda definittiva u finali*". Inghad ukoll fil-kawza **Bezzina *noe* vs Direttur tal-Kuntratti *et***, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2006 li "*l-qrati ma jistghux jaghtu semplici dikjarazzjonijiet li jkunu pre-ordinati ghal rimedji li ma jistghux jinghataw*". Ara wkoll f'dan is-sens **Giuffrida *noe* vs Borg Olivier**, deciza fil-5 ta' Mejju 1967.

Il-Qorti tosserva li ma giet sollevata ebda eccezzjoni li tirrifletti il-gurisprudenza fuq premessa. Madanakollu, u anke fl-assenza ta' tali eccezzjoni, din il-Qorti ma tistax issostni talba li fiha nnifisha hija insostenibbli u ghalhekk, a bazi tat-taghlim tal-gurisprudenza taghna, din it-talba ghandha tigi respinta peress li hija limitata biss u esklussivament ghall-konferma definittiva ta' mandat kawtelatorju.

Dan kollu qed jigi premess sabiex jintwera li l-azzjoni odjerna, kif dedotta, hija legalment insostenibbli. Madanakollu il-Korporazzjoni konvenuta ma issollevat ebda eccezzjoni dwar l-irregolarita tal-azzjoni, la fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha u lanqas fis-sottomissjonijiet finali.

Skont il-principji tal-gustizzja l-ebda Qorti m'ghandha d-dritt li tissolleva eccezzjonijiet "ex officio" hlief dawk li l-ligi stess timponi fuqha bhala dover, li huwa dejjem konness ma' xi kwistjoni ta' l-ordni pubbliku, bhal ma huwa l-problema ta' gurisdizzjoni jew kompetenza. Meta l-Qorti tissolleva eccezzjonijiet li m'humiex ordnati mil-ligi dan l-ezercizzju jfisser li l-Qorti ma tibqax ekwidistanti bejn il-partijiet u tkun qed tikser bl-aktar mod palezi l-principju ta' "audi alteram partem", kif ukoll principju iehor tal-Gustizzja li huwa "nemo judex in causa propria" ghaliex naturalement il-Qorti tkun tissolleva eccezzjoni hija u tiddecidiha hija stess.[10]

Fid-dawl ta' dan premess, il-Qorti  xorta wahda ser tidhol fil-kwistjonijiet sollevati mill-abbli difensuri tal-partijiet fin-noti ta' sottomissjoni rispettivi taghhom.

Il-korporazzjoni Enemalta eccepiet biss li l-Korporazzjoni hija kreditrici tas-socjeta` attrici fl-ammont indikat fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Izda mhiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fil-mertu dwar kanonizzazzjoni o meno tal-kreditu pretiz mill-Korporazzjoni peress li l-mertu ta' din il-kawza hija ferm iktar ristretta.  Ghaldaqstant din il-Qorti, f'din il-kawza ma tistax tillikwida l-ammont li jista' jirrizulta dovuta mis-socjeta` attrici in segwitu ghas-sejbien ta' tbaghbis fil-meter.

Illi d-difensur tas-socjeta` attrici strah fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili dwar l-obbligazzjonijiet *ex contractu*, senjatament l-artikoli 992 u 1068 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li skont hu, jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet odjerni. Skont l-attur, kuntratt ma jistax jigi rizolt

[10] Vide PA Ignazio Gatt -v- Michael Debono et. dec. fil- 02/02/1990

unilateralment. Il-kalkolu tal-kont a basi tal-kostatazzjonijiet dwar il-meter kien sar arbitrarjament mill-Enemalta li kellha l-ewwel tiddeduci il-pretensjonijiet taghha gudizzjarjament qabel ma tghaddi biex tittermina l-obbligu kontrattwali u tieqaf milli tkompli tipprovdi d-dawl fil-konfront tas-socjeta` attrici. Dan jghodd ukoll ghall-kundizzjoni risoluttiva tacita li ma jipprexxindix mill-htiega tal-intervent tal-Qorti.[11]

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi din it-tezi. Il-provvista tas-servizz tal-elettriku f'Malta hija regolata b'ligi specjali, l-Att dwar l-Enemalta,[12] u ghalhekk jreggi l-principju *lex specialis derogat generali.* Id-drittijiet tal-Korporazzjoni Enemalta jemanu *ex lege*, skont ir-rieda tal-legislatur. Huwa l-Att fuq indikat li jawtorizza lill-awtoritajiet tal-Korporazzjoni billi jaghtihom diskrezzjoni ampja dwar il-metodi li ghandhom jintuzaw ghall-provvista tas-servizz tad-dawl, dwar il-kondizzjonijiet biex ma jitkomplewx dawk is-servizzi, u dwar il-kontijiet u hlasijiet relattivi.

Difatti l-artikolu 39 tal-Att jipprovdi li l-Enemalta tista' taghmel regolamenti biex tipprovdi dwar *inter alia:*

*i) il-metodi li għandhom jintużaw għall-provvista ta' servizzi mogħtija mill-Korporazzjoni, il-garanzija li għandha tingħata minn persuni li jkunu jixtiequ jiksbu dawk is-servizzi, il-kondizzjonijiet biex ma jitkomplewx dawk is-servizzi f'każijiet fejn il-ħtiġijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul bis-saħħa tiegħu ma jkunux ġew imħarsa, jew meta persuna tkun qiegħda lura fil-ħlasijiet ta' xi prezzijiet, ħlasijiet jew drittijiet xierqa jew meta tuża apparat, strumenti jew tagħmir difettużi, kif ukoll f'każijiet oħra fejn ikun meħtieġ jew aħjar li ma jitkomplewx dawk is-servizzi;"*

Wiehed ghandu jirreferi ghar-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku[13] li b'diversi regolamenti jolqot il-kaz in ezami b'mod car u inekwivoku:

---

[11] Ara *Francis Abela et v Karl Bonello noe. Deciza mill- Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 2002.*
[12] Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta.
[13] L.S. 423.01 Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku.

*"Reg. 8. Qabel ma jinghata l-kurrent akkont ta' konsumatur, jew f'xi zmien wara, ic-Chairman jista' jordna lil-dan il-konsumatur biex iqieghed fl-Ufficcju somma ta' flus li ghandha tigi ffissata mic-Chairman bhala plegg ghall-hlas regolari ta' l-ammonti kollha li jkollhom jinghataw lil-Enemalta ghall-provvista tal-kurrent elettriku akkont ta' dan il-konsumatur.*

*Reg. 9. Is-somma, li titqieghed skont ma jinghad fl-artikolu ta' qabel dan, tinghata lura lil-min ikun qieghdha bhala depozitu malli dan ma jibqax konsumatur, kemm-il-darba l-ammonti kollha, li ghandhom jinghataw lil-Enemalta ghall-provvista tal-kurrent elettriku akkont ta' din il-persuna jkunu thallsu.*

*61. (1) Il-konsum tal-kurrent dwar il-perijodu bejn il-qari minnufih qabel il-qari li dwaru l-meter jinstab li jkun difettuz u tqeghid ta' meter gdid jew it-tiswija tal-meter difettuz, skont il-kaz, ghandu jigi kkalkolat, kif ic-Chairman jista' jordna, jew skont is-subregolament (2) jew skont is-subregolament (3).*

*67. Jekk kont jew talba ghall-hlas, debitament prezentata lill-konsumatur, ma tithallasx fi zmien erbatax-il-jum minn mindu tigi prezentata, jew jekk id-depozitu mehtieg skont ir-regolament 8 ma jsirx fi zmien erbatax-il-jum minn meta ssir dik it-talba, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont iehor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur tista' tigi sospiza minghajr ma jinghata ebda avviz minn qabel."*

Dan kollu juri li c-Chairman tal-Enemalta agixxa in pjena regola u skont kif hu awtorizzat bil-Ligi stess meta talab il-hlas ta' depozitu u avza lis-socjeta` attrici li, f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, kien ser jissospendi is-servizz. Fil-mori ukoll jirrizulta li l-Korporazzjoni ikkalkulat in-nuqqas fil-konsum u harget kont dwar dan il-konsum.

Din il-Qorti hija fid-dmir li tapplika il-Ligi u ma tistax takkolji it-tezi tas-socjeta` attrici ghaliex ma jistax jigi ordnat li mandat imsejjes fuq premessi legali zbaljati jibqa' *in vigore* indefinitivament meta il-Ligi stess tawtorizza lill-

Chairman tal-Korporazzjoni sabiex jagixxi fuq l-awtorita` tieghu stess u jesigi l-hlas ta' depozitu bhala garanzija ghall-hlas finali ta' kont, jissospendi s-servizz f'kaz ta' inadempjenza,  u anke jistabbilixxi il-kriterji ghall-kalkolu tal-kont finali.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi tichad it-talba tas-socjeta` attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-istess socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------